SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

19 ta' Novembru 2020*

"Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) – Politika ta' rotazzjoni tal-uffiċjali – Post ta' kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Etjopja – Deċiżjoni li tirrifjuta li testendi l-assenjazzjoni għal din il-pożizzjoni – Interess tas-servizz – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni pożittiva favur is-sess inqas irrappreżentat – Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-93/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fis-6 ta' Frar 2019,

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), irrappreżentat minn S. Marquardt u R. Spac, bħala aġenti,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Chantal Hebberecht, residenti fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu),

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, N. Piçarra (Relatur), S. Rodin, D. Šváby u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' April 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, is-SEAE jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-27 ta' Novembru 2018, Hebberecht vs SEAE (T-315/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:842), li permezz tagħha din laqgħet ir-rikors ta' Chantal Hebberecht intiż, b'mod partikolari, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-SEAE, tat-30 ta' Ġunju 2016, li tiċħad it-talba tagħha li tiġi estiża l-assenjazzjoni tagħha fil-pożizzjoni ta' kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Etjopja (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 Skont l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU 2010, L 201, p. 30), "[i]l-Kap tad-Delegazzjoni għandu jirċievi l-istruzzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli [tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà] u [mi]s-SEAE, u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tagħhom."

3 L-Artikolu 6(2) u (10) ta' din id-deċiżjoni jipprovdi:

"2. Is-SEAE għandu jinkludi uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni […], inklużi membri tal-persunal mis-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri maħturin bħala aġenti temporanji.

Ir-Regolamenti tal-Persunal [tal-Unjoni Ewropea] u [l-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea] għandhom japplikaw [għall-persunal tas-SEAE].

[…]

10. Ir-Rappreżentant Għoli [tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu] jistabbilixxi r-regoli dwar il-mobbiltà sabiex ikun żgurat li l-membri tal-persunal tas-SEAE jkunu soġġetti għal grad għoli ta' mobbiltà. […] Fil-prinċipju, il-persunal tas-SEAE kollu għandu perjodikament iservi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. Ir-Rappreżentant Għoli [tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà] għandu jistabbilixxi regoli għal dak l-għan."

4 L-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprovdi:

"1. Fl-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kull diskriminazzjoni bbażata fuq kull raġuni, bħas-sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, ilsien, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minorita nazzjonali, proprjetà, twelid, disabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali, hija pprojbita.

[…]

2. Bil-ħsieb li tkun żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn rġiel u nisa fil-ħajja tax-xogħol, li għandu jkun element essenzali li għandu jkun ikkunsidrat fl-implimentazzjoni ta' l-aspetti kollha ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandux jipprojbixxi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni […] milli jżommu jew jadottaw miżuri li jipprovdu vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmluha aktar faċli għas-sess li m'għandux rappreżentanza li jfittex attivita' vokazzjonali jew sabiex jipprevjenu jew jikkompensaw għal svantaġġi f'karrieri professjonali.

3. L-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjojnijiet għandhom jistabbilixxu, bi ftehim, wara li jikkonsultaw il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, il-miżuri u l-azzjonijiet biex jippromwovu opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa fl-oqsma koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet xierqa li jindirizzaw mill-ġdid it-tali *de facto* inugwaljanzi li jfixxklu opportunitajiet lin-nisa f'dawn l-oqsma.

[…]

6. Waqt li jkun irrispettat il-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju tal-proporzjonalità, kull limitazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom trid tkun iġġustifikata fuq bażijiet oġġettivi u raġonevoli, u trid tkun immirata lejn oġġetti leġittimi fl-interess ġenerali fil-qafas tal-politika tal-persunal. […]"

5 L-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"L-Awtorità tal-Ħatra għandha, waqt li taġixxi biss fl-interess tas-servizz u mingħajr kas tan-nazzjonalità, tassenja kull uffiċjal b'ħatra jew trasferiment għall-posizzjoni fil-grupp tal-funzjoni tiegħu li jikkorrospondi mal-grad tiegħu.

Uffiċjal jista' japplika għal trasferiment ġewwa l-istituzzjoni tiegħu."

6 L-Artikolu 95(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Is-setgħat mogħtija minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra għandhom jiġu eżerċitati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn "il quddiem imsejjaħ r-Rappreżentant Għoli") fir-rigward tal-persunal tas-SEAE. Ir-Rappreżentant Għoli jista' jiddetermina min, fi ħdan is-SEAE, għandu jeżerċita dawn is-setgħat. […]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

7 Fl-1 ta' Settembru 2013, C. Hebberecht, uffiċjal tas-SEAE, inħatret bħala Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-Etjopja għal perijodu ta' erba' snin.

8 Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' rotazzjoni għas-snin 2017 u 2018, l-uffiċjali fil-kariga fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni ġew informati, permezz ta' nota tas-SEAE tat-22 ta' Marzu 2016, bil-possibbiltà li jressqu talba għal rotazzjoni antiċipata jew għal estensjoni tal-assenjazzjoni tagħhom. F'din in-nota ġie ppreċiżat li risposta favorevoli għal dawn it-talbiet kienet ser tkun irriżervata biss għall-każijiet eċċezzjonali debitament immotivati fid-dawl tal-interess tas-servizz.

9 Fil-15 ta' April 2016, C. Hebberecht talbet estensjoni tal-assenjazzjoni tagħha għal ħames sena. Fit-30 ta' Ġunju 2016, l-Awtorità tal-Ħatra tas-SEAE ċaħdet din it-talba, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, filwaqt li indikat, b'mod partikolari, li, "fl-interess li tiġi żgurata rotazzjoni regolari tal-kapijiet ta' delegazzjoni, kienet ġiet implimentata b'mod ġenerali politika ċara ta' mobbiltà wara massimu ta' erba' snin fil-pożizzjoni".

10 C. Hebberecht ressqet ilment, irreġistrat fit-30 ta' Settembru 2016, kontra din id-deċiżjoni, abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, billi argumentat li din kienet tmur kontra l-interess u l-kontinwità tas-servizz, it-trasparenza, l-ugwaljanza fit-trattament, kif ukoll l-osservanza tal-miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva meħuda fir-rigward tan-nisa.

11 Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2017, l-Awtorità tal-Ħatra tas-SEAE ċaħdet dan l-ilment billi sostniet li l-amministrazzjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tan-neċessitajiet marbuta mal-interess tas-servizz u mal-politika ta' mobbiltà tal-persunal. Hija enfasizzat ukoll l-assenza ta' obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kwalità ta' mara ta' C. Hebberecht waqt l-eżami tat-talba tagħha għal estensjoni tal-impjieg tagħha.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Mejju 2017, C. Hebberecht ippreżentat rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, għall-ħlas ta' kumpens għad-dannu morali allegatament sostnut.

13 Insostenn ta' dawn it-talbiet għal annullament, hija tinvoka tliet motivi bbażati fuq il-ksur, rispettivament, tal-interess u tal-kontinwità tas-servizz, tal-obbligu ta' trasparenza u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

14 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel żewġ motivi bħala infondati. Hija ċaħdet ukoll l-ewwel żewġ partijiet tat-tielet motiv, ibbażati, minn naħa, fuq l-eżistenza ta' diskriminazzjoni ta' natura razzjali, u, min-naħa l-oħra, fuq l-għoti ta' estensjoni lil kapijiet ta' delegazzjoni oħra. Madankollu, hija laqgħet it-tielet parti tat-tielet motiv, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tan-nisa.

15 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, qabel kollox, fil-punti 89 sa 91 tas-sentenza appellata, li għalkemm l-Artikolu 1d(2) u (3) tar-Regolamenti tal-Persunal juri r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti lill-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa post "essenzjali" fid-deċiżjonijiet li jimplimentaw l-aspetti "kollha" tar-Regolamenti tal-Persunal, madankollu tali rieda ma hijiex riflessa fil-pożizzjonijiet adottati mis-SEAE, li, għall-kuntrarju, indika li ma għandux l-obbligu li jikkumpensa n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa f'ċerti pożizzjonijiet, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

16 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, li, fl-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jillimitax ruħu li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni iżda jiddikjara, mingħajr kundizzjoni oħra, li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tikkostitwixxi dimensjoni "essenzjali" li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-aspetti "kollha" li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal. Minn dan hija ddeduċiet, fil-punt 94 ta' din is-sentenza, li, billi eskluda l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa mill-kunsiderazzjonijiet sottostanti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, is-SEAE kiser l-Artikolu 1d(2) u (3) tar-Regolamenti tal-Persunal, qabel ma ppreċiżat, fil-punt 95 tal-imsemmija sentenza, li tali żball kellu natura evidenti.

17 Finalment, wara li fakkret fil-punt 96 tas-sentenza appellata li, skont ġurisprudenza stabbilita, "l-annullament ta' deċiżjoni amministrattiva minħabba żball ma huwiex iġġustifikat meta dan l-iżball ma influwenzax b'mod determinanti l-kontenut ta' dik id-deċiżjoni", il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 97 tal-istess sentenza, li d-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata seta' kien differenti li kieku l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ma kinitx ġiet eskluża mill-ewwel, bħala prinċipju, mill-evalwazzjoni mwettqa mis-SEAE.

18 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata. Hija ċaħdet ukoll it-talba għad-danni bħala inammissibbli.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19 Permezz tal-appell tiegħu, is-SEAE jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiċħad ir-rikors fit-totalità tiegħu bħala infondat, u

– tikkundanna lil C. Hebberecht għall-ispejjeż.

20 C. Hebberecht ma ppreżentatx risposta.

Fuq l-appell

L-argumenti tal-partijiet

21 Insostenn tal-appell tiegħu, is-SEAE jinvoka aggravju wieħed, ibbażat fuq l-iżball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali peress li din tal-aħħar, minn naħa, interpretat l-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal fis-sens li din id-dispożizzjoni "tinkludi prinċipju direttament applikabbli għad-deċiżjonijiet individwali meħuda mill-istituzzjoni skont ir-Regolamenti tal-Persunal [u] tagħti dritt individwali lill-uffiċjal ikkonċernat" u, min-naħa l-oħra, kisret, f'dan il-kuntest, "il-mod kif is-SEAE japplika l-politika ta' ugwaljanza tas-sessi fil-kuntest tal-politika ta' mobbiltà u ta' rotazzjoni bejn is-sede tas-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni […]".

22 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-interpretazzjoni allegatament żbaljata tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, is-SEAE jsostni li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi biss għan ġenerali, li ma huwiex direttament applikabbli fil-kuntest ta' deċiżjonijiet individwali bħad-deċiżjoni kkontestata. Dan il-paragrafu għandu jinqara flimkien mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, li jobbliga lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiddefinixxu l-miżuri li għandhom jiġu implimentati sabiex jintlaħaq dan l-għan.

23 Is-SEAE jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-użu, fil-kliem tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-espressjoni "għandu jkun ikkunsidrat", li jħalli marġni ta' diskrezzjoni wiesa' lill-amministrazzjoni. Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-espressjonijiet "ta' l-aspetti kollha ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal " jew "element essenzjali" enfasizzati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Skont is-SEAE, "għand[ha tkun] ikkunsidrat[a]" l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ma huwiex sinonimu għall-"implimentazzjoni ta' opportunitajiet indaqs".

24 Għaldaqstant, l-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma jimponi ebda obbligu dirett fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan jippermettilhom biss li jadottaw miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva b'deroga mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu. F'dan il-kuntest, il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu jimponi fuq dawn l-istituzzjonijiet li jadottaw politika ġenerali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa bl-għan speċifiku li jiġu rrimedjati l-inugwaljanzi li jaffettwaw lin-nisa. Din il-politika għandha, sussegwentement, "[tkun ikkunsidrata]" f'sitwazzjonijiet konkreti.

25 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 92 u 93 tas-sentenza appellata, l-ewwel parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal hija suġġetta għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għalhekk ma tistax tiġi applikata b'mod dirett u iżolat, mingħajr ma twassal għal deċiżjonijiet arbitrarji jew kontradittorji. Fir-rigward tat-tieni parti ta' dan il-paragrafu, li tinsab wara li ġie stabbilit l-għan ġenerali li għandu jiġi segwit, din tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jadottaw miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva favur is-sess inqas irrappreżentat jew li jipprevjenu żvantaġġi.

26 Tali interpretazzjoni tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal hija kkonfermata mill-oriġini ta' din id-dispożizzjoni. L-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet mhux li jifformula fir-Regolamenti tal-Persunal drittijiet u obbligi applikabbli direttament, iżda li jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jadottaw politika u miżuri ta' implimentazzjoni fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

27 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-evalwazzjoni allegatament żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tal-politiki mmexxija mis-SEAE fil-qasam ta' rotazzjoni tal-uffiċjali tiegħu, dan tal-aħħar isostni, essenzjalment, li anki jekk jitqies li l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn irġiel u nisa, iggarantit mill-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa direttament applikabbli, dan ma japplikax għal deċiżjoni ta' rifjut ta' estensjoni tal-mandat ta' kap ta' delegazzjoni tal-Unjoni, peress li tali deċiżjoni ma tippreżupponix għażla bejn diversi persuni.

28 Is-SEAE jikkritika, qabel kollox, lill-Qorti Ġenerali talli, fil-punt 90 tas-sentenza appellata, żnaturat l-argument tiegħu. Fil-fatt, huwa qatt ma ddikjara b'mod ġenerali li l-kunsiderazzjonijiet relattivi għas-sess huma esterni għall-interess tas-servizz. Huwa sostna li deċiżjoni dwar it-talbiet għal estensjoni tal-mandati tal-kapijiet ta' delegazzjoni tal-Unjoni hija min-natura tagħha individwali u newtrali fir-rigward tas-sess tal-persuna, peress li din ma hijiex deċiżjoni dwar il-mili ta' pożizzjoni vakanti li għaliha l-amministrazzjoni għandha tagħmel għażla bejn diversi kandidati. F'dan ir-rigward, dan jippreċiża li huwa japplika politika dwar opportunitajiet indaqs fil-kuntest tar-rotazzjonijiet bejn is-sede tas-SEAE u d-delegazzjonijiet.

29 Sussegwentement, is-SEAE jfakkar li mill-Artikolu 6(10) tad-Deċiżjoni 2010/427 jirriżulta li l-persunal kollu tas-SEAE huwa suġġett għal "grad għoli ta' mobbiltà", li jwassal għal rotazzjoni regolari ta' dan il-persunal fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. Dawn l-elementi, li jiddefinixxu l-interess tas-servizz, huma riflessi fil-politika ta' rotazzjoni tas-SEAE.

30 Is-SEAE jindika li jieħu inkunsiderazzjoni, fil-prattika, in-neċessità li tiġi promossa l-ugwaljanza tal-opportunitajiet bejn l-irġiel u n-nisa fil-kuntest tal-politika ġenerali ta' rotazzjoni tiegħu, jiġifieri waqt l-għażla ta' kandidati għal pożizzjonijiet vakanti fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, sitwazzjoni ta' kompetizzjoni bejn diversi kandidati u, min-naħa l-oħra, talba individwali għal estensjoni tal-impjieg f'pożizzjoni, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, li hija eċċezzjonali u għandha, "fl-ewwel lok, tiġi ttrattata skont l-interess tas-servizz u l-għan ġenerali li tiġi żgurata rotazzjoni regolari bejn is-sede u d-delegazzjonijiet u viċi versa".

31 Anki jekk jitqies li l-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jobbliga li jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni individwali, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-opportunità tal-estensjoni tal-impjieg f'pożizzjoni għandha ssir qabel kollox fid-dawl tal-interess tas-servizz.

32 Minn dan jirriżulta li l-politika ta' opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa għandha tapplika fil-mument tar-rotazzjoni annwali tal-persunal bejn is-sede tas-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jew bejn id-delegazzjonijiet tal-Unjoni, waqt il-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' pożizzjoni vakanti għall-pożizzjonijiet ikkonċernati. Min-naħa l-oħra, tali politika "diffiċilment tapplika għal deċiżjonijiet ta' estensjoni tal-mandat, min-natura tagħhom individwali u [li għalihom] ma teżistix sitwazzjoni ta' kompetizzjoni bejn diversi kandidati". Fil-fatt, is-SEAE jkun għalhekk obbligat iqabbel talbiet għal estensjoni minn nisa u minn rġiel u jiffavorixxi dawk li jsiru minn nisa, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan jissodisfax l-interess tas-servizz li huwa madankollu, kif indikat fil-punt 77 tas-sentenza appellata, element determinanti fit-teħid ta' deċiżjoni.

33 F'dan il-kuntest, is-SEAE jikkontesta l-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, li tgħid li d-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata seta' kien differenti li kieku l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa ma kinitx ġiet eskluża immedjatament mill-evalwazzjoni mwettqa. Huwa jsostni li huwa jipprattika politika pożittiva intiża sabiex tiffavorixxi l-kandidaturi ppreżentati mis-sess li huwa inqas irrappreżentat f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà meta l-kandidati inkwistjoni jkollhom merti ugwali għall-kandidati ta' sess maskili, liema ħaġa tippreżupponi li l-kandidati jitqiegħdu f'sitwazzjoni paragunabbli. Tali prassi hija evidenti mid-dokumenti pprovduti lill-Qorti Ġenerali, fuq talba tagħha, iżda li ma ħaditx inkunsiderazzjoni.

34 Skont is-SEAE, l-estensjoni ta' C. Hebberecht għall-pożizzjoni li kienet assenjata fiha, minħabba s-sempliċi fatt li tagħmel parti minn ġeneru, kienet mhux miżura meħuda skont il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament iżda pjuttost miżura ta' diskriminazzjoni pożittiva fir-rigward tan-nisa.

35 Is-SEAE jenfasizza finalment li jkun kontradittorju li jiġi ssuġġerit li C. Hebberecht kellha tiġi estiża f'din il-pożizzjoni minħabba l-kundizzjoni tagħha bħala mara wara li ġie eskluż, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 44 tas-sentenza appellata, il-motiv ibbażat fuq il-ksur, mid-deċiżjoni kkontestata, tal-interess u tal-kontinwità tas-servizz. Dan iwassal sabiex jitqies li mill-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta dritt suġġettiv, għall-uffiċjal li jifforma parti mis-sess inqas irrappreżentat, għall-estensjoni tal-mandat tiegħu, ħaġa li s-SEAE jikkontesta bil-qawwa.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

36 Permezz tal-aggravju uniku tiegħu, is-SEAE jilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn, minn naħa, din interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal billi qieset li din id-dispożizzjoni toħloq obbligu direttament applikabbli, fir-rigward tal-istituzzjonijiet, minkejja l-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni u, min-naħa l-oħra, din iddeċidiet li l-imsemmija dispożizzjoni hija applikabbli fil-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri deċiżjoni individwali ta' estensjoni tal-mandat għal pożizzjoni li ma tippreżupponix għażla bejn diversi persuni.

37 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argument tas-SEAE li jgħid li l-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma huwiex applikabbli fl-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet, għandu qabel kollox jiġi enfasizzat li, kif indikat il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 84 tas-sentenza appellata, din id-dispożizzjoni tinkludi żewġ partijiet. L-ewwel parti tfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn irġiel u nisa huwa element essenzjali fl-aspetti "kollha" tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u t-tieni parti tfakkar li dan

il-prinċipju ma jipprekludix lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni milli jistabbilixxu jew jadottaw miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali mis-sess inqas irrappreżentat.

38 Issa, għalkemm il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, bħala dritt suġġettiv, ma jeħtieġ, għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, ebda miżura ta' implimentazzjoni (ara, b'analoġija, f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 157(1) TFUE, is-sentenza tat-8 ta' April 1976, Defrenne, 43/75, EU:C:1976:56, punt 24), madankollu dan ma huwiex il-każ għall-vantaġġi speċifiċi intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali mis-sess li huwa inqas irrappreżentat, imsemmija fit-tieni parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

39 Fil-fatt, it-tieni parti ta' din id-dispożizzjoni għandha l-għan preċiż u limitat li tawtorizza l-miżuri li, filwaqt li jkunu diskriminatorji skont l-appartenenza għal sess, huma effettivament intiżi sabiex jeliminaw jew inaqqsu l-inugwaljanzi ta' fatt (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2000, Badeck *et*, C-158/97, EU:C:2000:163, punt 19).

40 Azzjoni intiża sabiex tippromwovi prijoritarjament lill-kandidati nisa fis-setturi tas-servizz pubbliku Ewropew fejn in-nisa huma inqas irrappreżentati għandha għalhekk titqies bħala kompatibbli mal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, minn naħa, meta din ma tagħtix b'mod awtomatiku u inkundizzjonat il-prijorità lill-kandidati nisa li għandhom kwalifika ugwali għal dik tal-kompetituri rġiel tagħhom u, min-naħa l-oħra, meta l-kandidaturi jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni oġġettiva li tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet partikolari ta' natura personali tal-kandidati kollha (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2000, Badeck *et*, C-158/97, EU:C:2000:163, punt 23, u tat-30 ta' Settembru 2004, Briheche, C-319/03, EU:C:2004:574, punt 23).

41 Dawn il-kundizzjonijiet jirriżultaw mill-fatt li, fid-determinazzjoni tal-portata ta' kull deroga għal dritt individwali, bħalma huwa t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, għandu jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità li jeżiġi li d-derogi ma jissuperawx il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u li, sa fejn huwa possibbli, il-prinċipju ta' trattament ugwali jkun ikkonċiljat mal-eżiġenzi tal-għan ta' dawn id-derogi (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2004, Briheche, C-319/03, EU:C:2004:574, punt 24).

42 L-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal, min-naħa tiegħu, jipprovdi li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kull limitazzjoni ta' dawn il-prinċipji għandha tkun oġġettivament u raġonevolment iġġustifikata u għandha tissodisfa għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali fil-kuntest tal-politika tal-persunal.

43 Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' kriterji, li huma manifestament intiżi sabiex jiżguraw ugwaljanza sostanzjali u mhux formali għandha ssir b'mod trasparenti u għandha tkun tista' tiġi mistħarrġa sabiex tiġi eskluża kull evalwazzjoni arbitrarja tal-klassifikazzjoni tal-kandidati (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2000, Abrahamsson u Anderson, C-407/98, EU:C:2000:367, punt 49).

44 Minn dan jirriżulta li deċiżjonijiet individwali li jagħtu vantaġġi speċifiċi intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali mis-sess inqas irrappreżentat ma jistgħux jiġu adottati fl-assenza ta' miżuri ġenerali ta' implimentazzjoni tat-tieni parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li jippermettu li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti msemmija fil-punti 40 u 41 ta' din is-sentenza.

45 Għaldaqstant, is-SEAE ġustament isostni li t-tieni parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li tipprovdi li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jipprekludix lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni milli jistabbilixxu jew jadottaw miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali mis-sess inqas irrappreżentat, moqrija flimkien mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, tikkostitwixxi regola ta' awtorizzazzjoni li ma tistax tiġi applikata direttament fl-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni.

46 Madankollu, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma jistax jiġi dedott li, fin-nuqqas ta' miżuri ta' implimentazzjoni tat-tieni parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, istituzzjoni hija eżentata mill-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn irġiel u nisa waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni individwali, bħad-deċiżjoni kkontestata.

47 Fil-fatt, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 93 tas-sentenza appellata, il-leġiżlatur tal-Unjoni jiddikjara, fl-ewwel parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tikkostitwixxi dimensjoni "essenzjali" li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-aspetti "kollha" li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal, mingħajr ma żied ma' din id-dikjarazzjoni xi terminu jew xi kundizzjoni, u mingħajr ma din hija suġġetta għall-adozzjoni ta' miżuri.

48 Minn dan, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeduċiet, fil-punti 94 u 97 tas-sentenza appellata, li, billi eskluda l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa mill-kunsiderazzjonijiet madwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, filwaqt li din tikkostitwixxi dimensjoni "essenzjali" f'għajnejn il-leġiżlatur tal-Unjoni, is-SEAE kiser l-Artikolu 1d(2) u (3) tar-Regolamenti tal-Persunal, li kien jikkostitwixxi żball ta' liġi li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

49 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument tas-SEAE li jgħid li, fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax għal deċiżjoni ta' rifjut ta' estensjoni tal-mandat ta' kap ta' delegazzjoni peress li din id-deċiżjoni ma tippreżupponix għażla bejn diversi persuni, għandu jitfakkar, kif imsemmi fil-punt 38 ta' din is-sentenza, li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa huwa prinċipju direttament applikabbli.

50 Kif irrilevat, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 43 u 45 tal-konklużjonijiet tagħha, il-formulazzjoni tal-ewwel parti tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma tissuġġetta l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għal ebda kundizzjoni.

51 Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li deċiżjoni, bħad-deċiżjoni kkontestata, li tirrigwarda l-estensjoni tal-assenjazzjoni ta' uffiċjal għal pożizzjoni ta' tmexxija, ma tippreżumix għażla bejn diversi kandidati ma jeskludix li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kunsiderazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa meta din tiġi adottata.

52 Għalhekk, tali kunsiderazzjonijiet jistgħu jimmilitaw favur l-estensjoni tal-assenjazzjoni ta' uffiċjal fil-pożizzjoni, jekk ikun jidher, fil-kuntest tal-proċedura ta' rotazzjoni stabbilita mis-SEAE, li s-sess li jifforma parti minnu dan tal-aħħar huwa inqas irrappreżentat f'pożizzjonijiet ekwivalenti u li, fin-nuqqas ta' uffiċjali tal-istess sess li jistgħu jiġu assenjati għal din il-pożizzjoni, fil-każ li t-talba tiegħu għal estensjoni tiġi miċħuda, uffiċjal tas-sess l-ieħor ikun assenjat għall-pożizzjoni vakanti.

53 Bl-istess mod, il-fatt li politika ta' opportunitajiet ugwali bejn irġiel u nisa tiġi applikata fil-kuntest tal-politika ġenerali tal-għażla ta' kandidati għal pożizzjonijiet vakanti fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni ma jippermettix li tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn irġiel u

nisa waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni individwali ta' estensjoni ta' mandat ta' kap ta' delegazzjoni. Fil-fatt, dan il-prinċipju, li jeskludi kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ma huwiex limitat għas-sitwazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-kandidati, iżda jeħtieġ ukoll li jiġi vverifikat jekk it-trattament mogħti, f'dan il-każ lil mara, kienx jingħata, bl-istess mod, lil raġel li jinsab f'sitwazzjoni paragunabbli.

54 Is-SEAE madankollu jsostni li, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tas-servizz jeskludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa. Dan jenfasizza b'mod partikolari li huwa kontradittorju li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata minħabba li huwa kellu jilqa' t-talba għal estensjoni ta' C. Hebberecht minħabba l-kundizzjoni tagħha ta' mara wara li, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, ġiet miċħuda l-ewwel parti tal-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-interess tas-servizz kien jeħtieġ li tintlaqa' din l-istess talba.

55 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ċertament setgħa diskrezzjonali wiesgħa fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tad-dipartimenti tagħhom skont il-missjonijiet fdati lilhom u fl-assenjazzjoni tal-persunal bil-kundizzjoni li din issir fl-interess tas-servizz u tosserva l-ekwivalenza tal-pożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 1988, Hecq vs Il-Kummissjoni, 19/87, EU:C:1988:165, punt 6). Madankollu, huma dawn l-istituzzjonijiet, fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni tad-dipartimenti tagħhom, li għandhom jibbilanċjaw bejn id-diversi interessi inkwistjoni, billi jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, kemm l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kif ukoll l-interess tas-servizz.

56 Għaldaqstant, ma huwiex kontradittorju li jiġi deċiż, kif essenzjalment għamlet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, minn naħa, li s-SEAE ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-interess tas-servizz meta ċaħad it-talba għal estensjoni ta' C. Hebberecht u, min-naħa l-oħra, li ma jistax jiġi eskluż li kunsiderazzjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jistgħu jimmilitaw favur l-aċċettazzjoni ta' din it-talba, b'tali mod li s-SEAE kellu jieħu inkunsiderazzjoni, bħala element ta' evalwazzjoni fost oħrajn, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa.

57 Huwa għalhekk żbaljat li s-SEAE jsostni li ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni individwali, bħad-deċiżjoni kkontestata, li ma tippreżupponix għażla bejn diversi persuni.

58 Minn dan isegwi li l-aggravju uniku għandu jiġi miċħud bħala infondat, l-istess bħall-appell.

Fuq l-ispejjeż

59 Skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fis-sentenza jew fid-digriet li jagħlqu s-sentenza.

60 Peress li C. Hebberecht ma ppreżentatx nota quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u għaldaqstant, la sostniet l-ispejjeż u lanqas talbet il-kundanna tas-SEAE għall-ispejjeż, għandu jiġi deċiż li s-SEAE għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Is-SEAE għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Firem